Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/0806(NLE)

27.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ħatra proposta ta' Alejandro Blanco Fernández għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C9-0333/2023 – 2023/0806(NLE))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Gilles Boyer

PR_NLE_MembersECA

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS 1: *CURRICULUM VITÆ* TA' ALEJANDRO BLANCO FERNÁNDEZ 4

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' ALEJANDRO BLANCO FERNÁNDEZ GĦALL-MISTOQSIJIET 6

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-ħatra proposta ta' Alejandro Blanco Fernández għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri

(C9-0333/2023 – 2023/0806(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0333/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 129 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2023),

A. billi, bl-ittra tat-8 ta' Settembru 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Alejandro Blanco Fernández għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi, fil-qafas ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidat *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilu;

C. billi dan il-kumitat imbagħad, fit-12 ta' Ottubru 2023, ipproċeda b'seduta ta' smigħ mal-kandidat, li matulha huwa għamel stqarrija preliminari, u wara wieġeb għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli/negattiva dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Alejandro Blanco Fernández għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

ANNESS 1: *CURRICULUM VITÆ* TA' ALEJANDRO BLANCO FERNÁNDEZ

Edukazzjoni

9/2007-6/2011	L-Università ta' Camilo José Cela: Dottorat *cum laude* fl-ekonomija, fin-negozju u fil-finanzi.
10/2006-10/2007	Korp Superjuri tal-Kontrolluri u tal-Awdituri Finanzjarji tal-Istat.
3/2004-12/2004	Korp Tekniku tal-Awdituri u l-Kontabilisti.
9/1999-6/2001	L-Università ta' Vigo (Ourense campus): lawrja fl-amministrazzjoni u l-ġestjoni tan-negozju.
9/1996-6/1999	L-Università ta' Vigo (Ourense campus): diploma fl-istudji kummerċjali.

Esperjenza

12/2020-	**Rappreżentanza Permanenti ta' Spanja għall-Unjoni Ewropea:** Konsulent koordinatur fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Spanja għall-Unjoni Ewropea, responsabbli għan-negozjati dwar fajls relatati mal-qafas finanzjarju pluriennali, mal-politika ta' koeżjoni u mal-fondi ta' Next Generation. Responsabbli għall-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Miżuri Strutturali u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Responsabbli għar-relazzjonijiet mad-DĠ REGIO, mad-DĠ EMPL u mad-DĠ BAĠIT, kif ukoll għar-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew.
3/2015-3/2020	**Rappreżentanza Permanenti ta' Spanja għall-Unjoni Ewropea:** Konsulent finanzjarju fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Spanja għall-Unjoni Ewropea, b'responsabbiltà għall-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Miżuri Strutturali u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (mill-2015 sal-2018, b'responsabbiltà wkoll għall-Grupp ta' Ħidma Kontra l-Frodi u għall-fajls dwar l-akkwist pubbliku). Rappreżentant tas-Servizz ta' Koordinazzjoni kontra l-Frodi fi Brussell mill-2015 sal-2018. Responsabbli għar-relazzjonijiet mad-DĠ REGIO, mad-DĠ EMPL u mad-DĠ BAĠIT, kif ukoll għar-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew.
9/2009-3/2015	**Il-Kummissjoni Ewropea (id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali):** Espert nazzjonali sekondat fl-Unità tal-Awditjar Intern u l-Konsulenza tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali, responsabbli għall-fajls relatati mal-valutazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, l-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u l-awditjar ta' elementi marbuta mal-ġestjoni u l-awditjar estern tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-istrument ta' qabel l-adeżjoni.
3/2009-10/2009	**Il-Kummissjoni Ewropea (id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd):** Espert nazzjonali sekondat fit-taħriġ vokazzjonali fl-Unità Ġeografika Spanjola responsabbli għall-monitoraġġ u s-soluzzjoni

tal-irregolaritajiet fil-Fond Spanjol għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

10/2007-3/2009	**Kontrollur Ġenerali tal-Amministrazzjoni tal-Istat (Ministeru tal-Finanzi):** Awditur nazzjonali li mexxa tim fl-Awtorità tal-Awditjar responsabbli għall-awditjar tal-programmi ta' kooperazzjoni territorjali li jinvolvu lil Spanja, u għat-tfassil tal-istrateġiji tal-awditjar għal dawk il-programmi għall-2014-2020.
10/2005-10/2006	**Kontrollur Ġenerali tal-Amministrazzjoni tal-Istat (Ministeru tal-Finanzi):** Awditur inkarigat mill-kontroll tal-fondi relatati mal-Fond Soċjali Ewropew fl-Awtorità tal-Awditjar.
12/2004-11/2005	**Kontrollur Ġenerali tal-Amministrazzjoni tal-Istat (Ministeru tal-Finanzi):** Awditur inkarigat mill-kontroll finanzjarju permanenti u minn rieżami minn qabel għall-Ministeru tal-Ambjent.

Ħiliet

- Mill-2011 sal-lum, kien kelliem waqt lectures u seminars dwar il-qafas finanzjarju pluriennali, il-baġit Ewropew u n-negozjati Ewropej fl-Università ta' Camillo José Cela, l-Università Kattolika ta' Murcia ICADE u l-Università Internazzjonali ta' La Rioja.
- Fl-2014, ingħata akkreditament mill-Istitut tal-Awdituri Interni ta' Professjonisti Ċċertifikati fl-Awditjar Pubbliku.

Lingwi

Spanjol	Lingwa nattiva
Galizjan	Lingwa nattiva
Ingliż	C2
Franċiż	C2
Taljan	C1
Portugiż	B2

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' ALEJANDRO BLANCO FERNÁNDEZ GĦALL-MISTOQSIJIET

Esperjenza professjonali

1. **Jekk jogħġbok elenka l-esperjenza professjonali tiegħek fil-finanzi pubbliċi, sew jekk hija fl-ippjanar baġitarju, fl-implimentazzjoni jew fil-ġestjoni tal-baġit, jew fil-kontroll jew l-awditjar tal-baġit.**

L-esperjenza professjonali tiegħi kollha kienet mal-Ministeru tal-Finanzi, kemm bħala awditur kif ukoll bħala negozjatur tar-Regolamenti tal-Fondi Ewropej u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

Bdejt bħala awditur fl-2005 meta għaddejt mill-ewwel proċess ta' għażla biex insir awditur fil-livell A2, li intitolani biex naħdem, għall-Ministeru tal-Finanzi, f'kontrolli *ex-post* u *ex-ante* fil-Ministeru tal-Ambjent (Bħalissa l-Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Isfida Demografika).

Fl-2007, għaddejt mill-eżami tal-proċess maniġerjali għall-Korp Superjuri tal-Kontrolluri u l-Awdituri tal-Istat fil-Ministeru tal-Finanzi. Dan il-proċess tal-għażla jikkonsisti f'sitt eżamijiet ibbażati fuq ir-regolamentazzjoni ċivili, amministrattiva u kummerċjali, il-makroekonomija, il-kontabbiltà pubblika u privata, il-matematika finanzjarja, il-lingwi, ir-regolamenti fiskali u baġitarji, il-finanzi pubbliċi u l-akkwist.

Il-fatt li rnexxieli ngħaddi minn dan l-eżami intitolani naħdem f'oqsma differenti fil-Ministeru tal-Finanzi fejn speċjalizzajt fl-awditjar tal-Fondi Ewropej. Kont responsabbli wkoll mill-awditjar għall-programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali li Spanja kienet qed tipparteċipa fihom. Qabel din il-kariga, ħadt sehem ukoll fl-awditi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fond Soċjali Ewropew. Bħala l-kap tal-awditi tal-Kooperazzjoni Territorjali, kont qed nikkoordina l-fieldwork filwaqt li nipprovdi gwida għad-diversi awditi li twettqu minn korpi oħra. Bejn l-2007 u l-2008, il-fieldwork ġie esternalizzat lil diversi kumpaniji tal-awditjar. Kelli l-opportunità li mmexxi l-awditi mwettqa minn kumpaniji privati u li ninkorpora proċessi li normalment jitwettqu mill-awdituri tas-settur privat, fil-linji gwida tal-awditjar pubbliku u tal-awtorità.

Ħadt sehem ukoll fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji u l-armonizzazzjoni tal-proċessi bejn il-fondi u l-korpi, billi pprovdejt linji gwida ta' standardizzazzjoni li ma ħallew l-ebda lok għal interpretazzjoni.

Kif tafu tajjeb, jekk nanalizzaw il-programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali mill-perspettiva tal-awditjar, dawn jirrikjedu ħafna aktar koordinazzjoni mill-bqija tal-Fondi Ewropej minħabba li jinvolvu ħafna sħab u awdituri differenti li jwettqu l-awditi għall-istess proġett. Dan tani l-opportunità li nitgħallem dwar regolamenti u metodoloġiji tal-awditjar Ewropej differenti.

Fl-2009, intgħażilt mill-Kummissjoni bħala Espert Nazzjonali Sekondat. Il-fatt li ħdimt fl-Unità tal-Awditjar Intern u l-Konsulenza ta' DĠ kien sfida kbira u ppermettieli niskopri aspett ieħor tal-awditi, inklużi dawk relatati mal-prestazzjoni. Fl-2014, ġejt iċċertifikat mal-Istitut tal-Awdituri Interni.

Matul il-karriera tiegħi fil-Kummissjoni Ewropea, kelli l-opportunità li naħdem fuq varjetà ta' awditi u konsultazzjonijiet għad-DĠ REGIO, inkluża l-valutazzjoni tal-FEŻR. Kont involut fl-abbozzar tal-proposti leġiżlattivi għall-2014-2020, il-linji gwida dwar l-għeluq tal-2007-2013, l-Istrument ta' Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni u l-għeluq tal-fondi ta' koeżjoni tal-2000-2006.

Ix-xogħol u l-esperjenza tiegħi mal-istituzzjonijiet Ewropej saħħew l-għarfien li diġà kelli tal-Fondi Ewropej u espandew l-għarfien tiegħi fir-rigward tad-diversi għodod u tekniki tal-awditjar li ġew applikati mill-awdituri tad-DĠ REGIO. Kelli wkoll l-opportunità li norganizza diversi Workshops dwar l-Etika fid-DĠ REGIO, u din il-ħidma wasslet għall-proposta għal standards etiċi interni li għandhom jiġu applikati fid-DĠ.

F'Marzu 2015, intgħażilt mis-Segretarju tal-Istat għall-Baġit u n-nefqa fi Spanja biex nirrappreżenta lill-pajjiżi fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Matul dan iż-żmien, kont ir-rappreżentant Spanjol fi Gruppi ta' Ħidma differenti, bħall-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali, il-Grupp kontra l-Frodi, il-Kumitat tal-Baġit, il-Grupp dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Bħalissa qed nippresjedi l-Grupp ta' Ħidma għar-reviżjoni tal-QFP u l-SMOR f'isem il-Presidenza Spanjola b'rotazzjoni tal-UE u qed immexxi n-negozjati tar-regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna u r-regolament STEP.

Il-ħidma tiegħi fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tatni l-opportunità li naġixxi bħala konsulent finanzjarju responsabbli għan-negozjar tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-2021-2027, ir-Regolamenti dwar il-Fondi Ewropej għall-2021-2027, id-dossiers għall-Fond Ewropew ta' Solidarjetà, ir-relazzjonijiet mal-Kumitat REGI, miżuri leġiżlattivi biex jiġu mmitigati l-effetti ekonomiċi u soċjali tal-COVID-19 u l-pakkett ta' Rkupru Next Generation EU.

2. X'inhuma l-aktar kisbiet sinifikanti li kellek matul il-karriera professjonali tiegħek?

L-akbar kisba tiegħi sal-lum hija li l-gvern tiegħi ppropona li nsir membru Spanjol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li jien inqis li huwa unur u r-rikonoxximent tal-karriera tiegħi, bħala awditur, fil-Ministeru tal-Finanzi.

Bħala Impjegat taċ-Ċivil Spanjol, naħseb li l-ewwel kisba tiegħi kienet dik meta għaddejt mill-proċess ta' eżami biex insir Impjegat taċ-Ċivil Spanjol, u b'mod aktar speċifiku fil-każ tiegħi, il-Korp Superjuri tal-Kontrolluri u l-Awdituri tal-Istat, li kif għidt fl-ewwel mistoqsija huwa proċess kompetittiv ħafna, li jirrikjedi snin ta' tħejjija u sagrifiċċju personali kbir. Il-fatt li għaddejt minn din il-kompetizzjoni intitolani biex nidderieġi lit-timijiet tal-Awditjar tal-Kooperazzjoni Territorjali fl-Awtorità tal-Awditjar fejn kelli l-opportunità li niżviluppa sistema unitarja biex jiġu rieżaminati u analizzati r-rapporti u li nieħu sehem fit-tfassil tal-linji gwida għall-korrezzjonijiet finanzjarji.

It-tieni kisba professjonali tiegħi kienet dik meta ntgħażilt mid-DĠ REGIO biex insir Espert Nazzjonali Sekondat u kelli l-opportunità li naħdem għal kważi sitt snin mal-Unità tal-Awditjar Intern u l-Konsulenza. Il-fatt li kont parti mid-DĠ REGIO tani l-opportunità li nieħu sehem f'deċiżjonijiet ewlenin bħat-tfassil tas-sistemi interni biex jiġu rieżaminati l-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operazzjonali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

It-tielet kisba professjonali tiegħi, sa issa, kienet dik meta ngħażilt mis-Segretarju tal-Istat għall-Baġit u n-Nefqa biex nirrappreżenta lill-pajjiżi fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Dan tani l-opportunità li nieħu sehem fin-negozjati tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu ta'

programmazzjoni 2021-2027 u fis-simplifikazzjoni u l-introduzzjoni ta' flessibbiltajiet fir-regolamenti tal-Fondi Ewropej.

3. **X'kienet l-esperjenza professjonali tiegħek ta' organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet multikulturali u multilingwistiċi internazzjonali bbażati barra minn pajjiżek?**

Bħala awditur speċjalizzat fil-Fondi Ewropej, kelli l-privileġġ li naħdem mal-istituzzjonijiet Ewropej għall-maġġoranza tal-karriera tiegħi. Dan tani l-opportunità nkun f'kuntatt ma' awdituri u ħaddiema taċ-ċivil mis-setturi kollha tal-Unjoni Ewropea u li nitgħallem metodoloġiji ta' ħidma differenti.

Bħala l-Kontrollur u l-Awditur tal-Istat u membru tal-Korp tal-Awditjar estern Spanjol, l-IGAE, li huwa l-Awtorità tal-Awditjar għall-Fondi Ewropej kollha, kont l-awditur ewlieni għall-programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali li Spanja kienet qed tieħu sehem fihom.

Fl-2009, bdejt il-karriera tiegħi mal-istituzzjonijiet Ewropej bħala Espert Nazzjonali Sekondat fit-Taħriġ Professjonali fid-DĠ MARE, fejn ħdimt fl-Unità Ġeografika għal Spanja u l-Portugall u kont responsabbli għall-approvazzjoni tal-irregolaritajiet ikkomunikati mill-Awtorità tal-Awditjar Spanjola. Immedjatament wara li temmejt il-ħidma tiegħi fid-DĠ MARE, ġejt irreklutat biex naħdem bħala Espert Nazzjonali Sekondat fil-Kapaċità tal-Awditjar Intern u l-Konsulenza fid-DĠ REGIO, fejn kont l-uniku membru Spanjol ta' tim multikulturali. Dan tani l-opportunità li nitgħallem metodoloġiji ta' ħidma differenti, li nieħu sehem f'diversi awditi, u li nikseb esperjenza konsiderevoli fir-rigward tal-ħidma u l-interazzjoni bejn il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Kummissjoni Ewropea.

Wara li domt kważi sitt snin naħdem mal-Kummissjoni Ewropea, bdejt naħdem mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fejn nirrappreżenta lill-pajjiżi f'diversi Partijiet ta' Ħidma. Dan tani l-opportunità li napprofondixxi l-għarfien tiegħi dwar l-istituzzjonijiet Ewropej u r-relazzjonijiet u n-negozjati interistituzzjonali, b'mod partikolari rigward il-proċedura leġiżlattiva ordinarja iżda wkoll aktar negozjati politiċi fil-livell tal-Kunsill Ewropew, bħall-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

4. **Ingħatajt kwittanza għad-dmirijiet ta' ġestjoni li kont twettaq qabel, jekk tapplika proċedura bħal din?**

Le, qatt ma kienet meħtieġa kwittanza għal kwalunkwe kariga li kelli bħala awditur matul il-karriera tiegħi.

5. **Liema mill-karigi professjonali preċedenti tiegħek kienu r-riżultat ta' nomina politika?**

L-ebda, il-karigi kollha li kelli kienu bħala impjegat taċ-ċivil u awditur indipendenti. Intgħażilt għall-karigi kollha li kelli abbażi tal-kwalifiki tiegħi u billi għaddejt minn proċeduri ta' għażla kompetittivi.

6. **X'inhuma t-tliet deċiżjonijiet l-aktar importanti li kont parti minnhom fil-ħajja professjonali tiegħek?**

Matul il-karriera tiegħi, kelli l-opportunità li nkun parti minn deċiżjonijiet importanti.

L-aktar deċiżjoni importanti li ħadt sehem fiha kienet in-negozjar u l-approvazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027, inkluż il-pakkett ta' rkupru. Il-ħolqien ta' Next Generation EU biex jgħin lill-pajjiżi jirkupraw wara l-pandemija tal-COVID-19 kien jirrappreżenta pass sinifikanti lejn l-integrazzjoni Ewropea.

Matul dan in-negozjar, jiena assumejt rwol tat-tmexxija tat-tim tekniku bbażat fi Brussell u wettaqt negozjati importanti. Dawn in-negozjati damu aktar minn sentejn, li l-aħħar sitt xhur tagħhom, ġew aktar ikkumplikati mil-limitazzjonijiet u r-restrizzjonijiet li kien hemm minħabba l-pandemija tal-COVID-19. L-involviment tiegħi f'dan in-negozjar kien jinkludi t-tmexxija tan-negozjati għar-regolament dwar il-politika ta' koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. Barra minn hekk, kelli l-opportunità li ninnegozja r-regoli simplifikati u l-flessibbiltà għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-fondi disponibbli li kellhom jiġu ddedikati għal miżuri relatati mal-kriżi.

Bħala awditur, kont responsabbli għal ħafna tipi differenti ta' awditi. Kieku kelli nagħżel l-aktar awditi utli, nagħżel dawn it-tnejn li ġejjin.

L-ewwel nett, bħala mexxej tat-tim tal-awdituri fl-Awtorità tal-Awditjar għall-Kooperazzjoni Territorjali, lura fl-2008, meta l-awditi kollha ġew esternalizzati lil ditti tal-awditjar differenti. Ir-rwol tiegħi kien jikkonsisti f'li nagħti pariri lill-awdituri li kienu qed iwettqu l-awditi u li nfassal listi ta' kontroll għat-tim tiegħi biex jirrieżamina l-awditi mwettqa mid-ditti tal-awditjar. L-istandardizzazzjoni tal-prattiki tal-awditjar kienet waħda mill-aktar deċiżjonijiet importanti tiegħi. Sa dak il-mument, ma kien hemm l-ebda indirizzar omoġenju tal-irregolaritajiet u s-sejbiet fost id-ditti tal-awditjar differenti u fost il-pajjiżi, b'mod partikolari fil-programm Spanja-Portugall, kien hemm ħafna diskrepanzi bejn il-ħidma mwettqa fuq l-awditi minn sħab differenti li jaħdmu fuq l-istess proġett. Minħabba din il-metodoloġija ta' ħidma l-ġdida, aħna rċevejna feedback pożittiv mill-awdituri tal-Kummissjoni Ewropea.

It-tieni, matul iż-żmien li qattajt fid-DĠ REGIO, bħala awditur intern, ħadt sehem f'ħafna awditi li wasslu għal bidliet u titjib fil-proċeduri tad-DĠ REGIO. Fl-2014, wettaqna awditu biex nidentifikaw il-lakuni u l-ostakli potenzjali sabiex tiġi aġevolata approvazzjoni "rapida" tal-Programmi Operazzjonali, li għalihom aħna rrieżaminajna r-regolamenti rilevanti għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. B'riżultat ta' din il-ħidma, iċċarajna l-informazzjoni li kellha tintbagħat mill-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-Ftehim ta' Sħubija u l-Programmi Operazzjonali.

Indipendenza

7. It-Trattat jistipula li l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri jridu jkunu "kompletament indipendenti" fil-qadi ta' dmirijiethom. Kieku inti kif twettaq dan l-obbligu fil-qadi tad-dmirijiet prospettivi tiegħek?

L-Artikoli 285 u 286 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxu li l-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri huma meħtieġa li jkunu kompletament indipendenti. L-indipendenza u l-oġġettività kienu prinċipji b'saħħithom matul il-karriera tiegħi bħala awditur, dan kien il-każ mill-bidu nett, fil-kariga tiegħi bħala membru tal-Awtorità tal-Awditjar Spanjola u komplew fil-ħidma tiegħi mal-Kummissjoni Ewropea.

Jekk tinħoloq sitwazzjoni fejn ikun hemm kunflitt ta' interess reali jew perċepit, jien infittex immedjatament il-parir tal-Kumitat tal-Etika tal-Qorti permezz ta' konsultazzjoni mal-President tal-QEA u nsegwi kif xieraq il-pariri tagħhom.

8. **Inti jew qraba intimi tiegħek (ġenituri, aħwa, sieħeb/sieħba legali u wlied) għandek jew għandhom xi azjendi tan-negozju jew finanzjarji, jew xi impenji oħra, li jistgħu jidħlu f'kunflitt mad-dmirijiet prospettivi tiegħek?**

Le, l-ebda.

9. **Lest tiżvela l-interessi finanzjarji tiegħek kollha u impenji oħra lill-President tal-Qorti, u li tagħmilhom pubbliċi?**

Iva, jien lest li niżvela l-informazzjoni kollha meħtieġa.

10. **Inti involut f'xi proċedimenti legali attwali? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.**

Le, m'iniex.

11. **Għandek xi rwol attiv jew eżekuttiv fil-politika, jekk iva, f'liema livell? Okkupajt xi kariga politika f'dawn l-aħħar 18-il xahar? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.**

Le, l-ebda.

12. **Se tirtira minn kwalunkwe kariga li ġejt eletta fiha jew titlaq kull funzjoni attiva b'responsabbiltajiet f'partit politiku jekk tinħatar Membru tal-Qorti?**

Mhux applikabbli fil-każ tiegħi.

13. **Kif tittratta irregolarità serja jew saħansitra każ ta' frodi u/jew korruzzjoni li jinvolvi persuni fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħek?**

Għandi rispett kbir lejn ir-rwol ta' awditur fis-settur pubbliku, u nifhem bis-sħiħ li r-rapporti tal-awditjar iservu biex jipproteġu l-flus tal-kontribwenti, iżidu l-valur għall-flus u jgħinu lis-soċjetà timxi 'l quddiem. Is-soċjetà u l-mexxejja tagħha jeħtieġ li jaġixxu b'mod sod kontra l-frodi u l-korruzzjoni, inkluż permezz tal-miżura preventiva kollha possibbli.

Bħala awditur speċjalizzat fil-Fondi Ewropej, jiena nindirizza l-irregolaritajiet, xi whud minnhom iwasslu għal każijiet ta' frodi li jdumu tul il-karriera kollha tiegħi, u ovvjament, xi whud minnhom ikunu twettqu f'pajjiżi stess. Fi kwalunkwe każ, aġixxejt b'mod indipendenti, u applikajt l-istandards internazzjonali tal-awditjar għal kull każ individwali.

Jekk tinqala' sitwazzjoni fejn f'wieħed mir-rapporti li jien responsabbli għalih, irregolaritajiet kbar jew każijiet ta' frodi jaffettwaw lil Spanja, jien se nindirizzahom kif nindirizza kwalunkwe każ ieħor ta' irregolarità jew frodi u nqis kif xieraq l-opinjoni tal-awdituri li wettqu l-awditu.

Qadi tad-dmirijiet

14. **X'għandhom ikunu l-karatteristiċi ewlenin ta' kultura ta' ġestjoni finanzjarja**

tajba fi kwalunkwe servizz pubbliku? Kif tista' l-QEA tgħin biex issaħħaħha?

Hemm bżonn ta' kultura ta' ġestjoni finanzjarja tajba fil-finanzi pubbliċi aktar milli fi kwalunkwe qasam ieħor; minħabba li wieħed ma jridx jinsa li, aħna qed naħdmu bil-flus tal-kontribwent Ewropew. Infakkar li l-prinċipji ewlenin ta' ġestjoni finanzjarja tajba skont l-Artikolu 33 tar-Regolament Finanzjarju huma "ekonomija, effiċjenza u effikaċja":

a) "Il-prinċipju tal-ekonomija li jirrikjedi li r-riżorsi użati mill-istituzzjoni kkonċernata tal-Unjoni fit-twettiq tal-attivitajiet tagħha għandhom ikunu disponibbli fi żmien debitu, fi kwantità u kwalità xierqa u bl-aħjar prezz;

b) Il-prinċipju tal-effiċjenza li jikkonċerna l-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati, l-attivitajiet imwettqa u l-kisba tal-objettivi;

c) Il-prinċipju tal-effikaċja li jikkonċerna kemm intlaħqu l-objettivi fil-mira permezz tal-attivitajiet imwettqa".

L-Artikolu 33.2 tar-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi kif "F'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, l-użu tal-approprjazzjonijiet għandu jiffoka fuq il-prestazzjoni u għal dak il-għan:

a) l-objettivi għall-programmi u għall-attivitajiet għandhom jiġu stabbiliti *ex-ante*;

b) Il-progress fil-ksib tal-objettivi għandu jiġi ssorveljat bl-indikaturi tal-prestazzjoni u

c) Il-progress fil-ksib ta' dawk l-objettivi u l-problemi dwarhom għandhom jiġu rrapportati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill".

L-Artikolu 33.3 tar-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi kif "Meta rilevanti, għandhom jiġu definiti objettivi speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u jinkisbu, rilevanti u marbuta bil-ħin kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 u indikaturi rilevanti, aċċettati, kredibbli, faċli u robusti".

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha rwol ewlieni f'dawn l-attivitajiet kollha, billi tipprovdi opinjonijiet dwar regolamenti differenti biex tiżgura li r-regolamenti settorjali kollha jippromwovu politiki bbażati fuq il-prestazzjoni, jiddefinixxu objettivi ċari u li jistgħu jitkejlu, isaħħu dawn fil-livell Ewropew, u jistabbilixxu indikaturi li jistgħu jkejlu l-kisba ta' indikaturi predefiniti. Il-ħidma tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tagħmel enfasi fuq l-awditi tal-prestazzjoni li jistgħu jivverifikaw kif il-politiki differenti jiġu implimentati fl-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u r-rapporti tagħha jgħinu biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-awditi differenti.

15. Skont it-Trattat, il-Qorti għandha l-obbligu li tassisti lill-Parlament huwa u jeżerċita s-setgħat tiegħu ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit. Kieku inti kif tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti u l-Parlament Ewropew (b'mod partikolari, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu) biex issaħħaħ sew is-sorveljanza pubblika fuq l-infiq ġenerali kif ukoll il-kosteffettività ta' dak l-infiq?

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha rwol ewlieni fil-proċedura baġitarja. Prinċipalment, billi tissodisfa l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tipprovdi dikjarazzjoni ta' aċċertament għall-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità

tat-tranżazzjonijiet sottostanti, akkumpanjata minn rapporti u opinjonijiet speċjali li jservu biex jipprovdu aktar ċarezza dwar l-implimentazzjoni tal-baġit Ewropew.

Ir-rapporti tal-QEA huma kruċjali għall-Parlament Ewropew, b'mod partikolari għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT). Sabiex il-Parlament Ewropew jiġi assistit jeżerċita s-setgħat tiegħu ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit, huwa essenzjali li jkun hemm relazzjoni miftuħa u mezz ta' komunikazzjoni permanenti bejn il-Kumitat tal-QEA u l-Kumitat tal-CONT. Sabiex jinkiseb dan, huwa essenzjali li jkun hemm, fost affarijiet oħra, il-parteċipazzjoni tal-membri tal-QEA fil-missjonijiet tal-CONT u l-konsultazzjonijiet mal-membri tal-Kumitat CONT dwar it-tħejjija tal-programm ta' ħidma tal-QEA. .

16. X'valur miżjud taħseb li jġib miegħu l-awditjar tal-prestazzjonijiet u s-sejbiet kif għandhom jiġu inkorporati fil-proċeduri ta' ġestjoni?

L-awditi tal-Legalità u r-Regolarità jaqdu sistemi ta' ġestjoni biex jivverifikaw li l-flus ikunu ntefqu legalment u regolarment, filwaqt li l-awditi tal-prestazzjoni jgħinu lis-sistemi ta' ġestjoni biex jgħaddu mill-filosofija tal-"ispejjeż" għal waħda ta' "effiċjenza". Li r-riżorsi pubbliċi jiġu allokati fejn ikunu l-aktar effiċjenti u mhux fejn jintefqu b'mod legali u regolari.

Peress li aħna konxji bis-sħiħ tal-fatt li sistema mingħajr kontrolli tal-legalità u tar-regolarità tfalli, ma nistgħux nibbażaw biss fuq il-livell ta' verifiki tal-assorbiment, tal-legalità u tar-regolarità minħabba li l-informazzjoni li niksbu mhijiex kompluta. Għalhekk, l-awditjar tal-prestazzjoni jikkomplementa l-awditjar finanzjarju u jservi biex itejjeb l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività tal-finanzi pubbliċi. Dan jintroduċi element ġdid ta' responsabbiltà, li jfisser li mhux biss l-ispejjeż kollha seħħew legalment u regolarment iżda li dawn l-ispejjeż servew biex jintlaħqu l-objettivi predefiniti u li, huma laħqu dawn l-objettivi bl-irħas spiża possibbli. L-awditi tal-prestazzjoni jistgħu jgħinu wkoll biex jiġu identifikati l-lakuni u l-irregolaritajiet fis-sistema jekk ikunu kkombinati mal-awditi tas-sistema.

Fir-rigward tal-inkorporazzjoni ta' dawn is-sejbiet fil-proċeduri ta' ġestjoni, huwa essenzjali li tiġi stabbilita sistema li tippenalizza n-nuqqas li jintlaħqu l-objettivi jew in-nuqqas ta' effettività fl-eżekuzzjoni tagħha, sabiex jiġi żgurat li l-maniġers pubbliċi jirrispondu għall-prestazzjoni.

Il-proċeduri ta' ġestjoni għandhom ilestu l-kontrolli tal-legalità u tar-regolarità b'perspettiva bbażata fuq il-prestazzjoni. Il-kontribwenti jistħoqqilhom ikunu jafu li flushom qed jintefqu b'mod intelliġenti u sabiex nagħmlu dan, jeħtieġ li nfasslu sistemi li jagħmlu enfasi fuq il-prestazzjoni.

17. Kif tista' tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Awdituri, l-istituzzjonijiet ta' awditjar nazzjonali u l-Parlament Ewropew (il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit) rigward l-awditjar tal-baġit tal-UE?

Huwa meħtieġ ħafna li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-awditi u l-kontrolli u l-użu effiċjenti tal-fondi Ewropej. Sfortunatament, xi kultant aħna nimponu għadd tant kbir ta' rekwiżiti ta' awditjar u kontroll li qed inxekklu l-użu effettiv tal-Fondi Ewropej. Jeħtieġ li nsaħħu l-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet differenti tal-awditjar fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet Ewropej. Barra minn hekk, il-metodoloġija tal-awditjar jeħtieġ li tiġi standardizzata u mifhuma bl-istess mod fil-korpi tal-awditjar kollha.

Matul dawn l-aħħar snin, ir-Regolamenti dwar il-Fondi Ewropej imxew 'il quddiem lejn il-

prinċipju ta’ awditu uniku, li se jnaqqas l-għadd ta’ awditi li l-benefiċjarji se jkollhom matul l-istess proġett u fl-istess ħin, se jarmonizza l-awditi li għandhom jitwettqu fl-Istati Membri, filwaqt li żewġ eżempji ta’ dan l-approċċ huma:

• l-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, u li jistabbilixxi r-regoli biex jitnaqqas l-għadd ta’ awditi fuq l-istess proġett u tiżdied il-fiduċja fost l-awdituri tal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet tal-awditjar nazzjonali;

• L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jintroduċi sett ta’ informazzjoni bażika mill-awtoritajiet nazzjonali li għandha tkun disponibbli u li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni biex taġevola l-kompiti tal-awditjar u d-dipendenza mis-sistemi nazzjonali ta’ kontroll.

L-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ Awditu Uniku tissimplifika l-aċċess għall-fondi Ewropej mingħajr ma tnaqqas l-effettività tas-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll.

Li jkun hemm relazzjonijiet b’saħħithom bejn il-korpi differenti tal-awditjar huwa l-ewwel element u l-element ewlieni tal-prinċipju ta’ Awditu Uniku. Il-kooperazzjoni bejn il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar għandha tiġi żviluppata aktar u, filwaqt li jitqies li l-awditi tal-Fondi Ewropej fl-Istati Membri jitwettqu mill-Awtoritajiet tal-Awditjar, jidher li hemm bżonn li jissaħħu r-relazzjonijiet ma’ dawn l-entitajiet.

Il-Prinċipju ta’ Awditu Uniku jista’ jaħdem biss jekk il-proċeduri tal-awditjar u l-interpretazzjoni tar-regoli jkunu l-istess fil-korpi tal-awditjar kollha, inklużi l-awdituri tal-Kummissjoni Ewropea. Sabiex tinkiseb l-istess interpretazzjoni tar-regoli tal-awditjar, hija meħtieġa kooperazzjoni komprensiva, li tista’ tinkiseb permezz ta’ kondiviżjoni msaħħa tal-informazzjoni, l-iżvilupp ta’ proċeduri standardizzati tal-awditjar, it-twettiq ta’ awditi konġunti, l-istabbiliment ta’ mezzi ċari ta’ komunikazzjoni, iċ-ċelebrazzjoni ta’ ftehimiet ta’ assistenza reċiproka u titjib leġiżlattiv ġenwin ieħor.

Li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa fost il-korpi tal-awditjar differenti u l-omoġeneità fil-metodoloġiji tal-awditjar kif ukoll fl-indirizzar tas-sejbiet, jippermetti s-simplifikazzjoni tal-proċeduri li jirriżultaw f’sistema aktar effiċjenti u trasparenti b’regoli aktar ċari għal dawk li jiġu awditjati u jaġevola l-kompiti tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew.

18. Kieku inti kif tiżviluppa aktar ir-rapportar tal-QEA biex il-Parlament Ewropew jingħata kull informazzjoni meħtieġa dwar l-akkuratezza tad-data mogħtija mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea?

L-akkuratezza u l-omoġeneità tad-data fost l-Istati Membri differenti huma essenzjali sabiex tiġi pprovduta informazzjoni aġġornata dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u l-użu tal-Fondi Ewropej fl-Istati Membri. Ix-xogħol tal-awditjar tal-QEA għandu jkompli jagħmel enfasi fuq l-akkuratezza tad-data pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

Fost l-elementi differenti tal-baġit Ewropew, il-politika ta' koeżjoni hija waħda mill-aktar avvanzati, u tipprovdi l-materjal kollu b'mod elettroniku sabiex il-Kummissjoni Ewropea tkun tista' tivverifika l-akkuratezza tad-data pprovduta mill-Istati Membri. Minkejja li l-politika ta' koeżjoni hija waħda mill-aktar politiki avvanzati f'termini ta' data elettronika, id-data kkomunikata jew mtella' fis-sistema mhux dejjem tikkorrispondi għas-sitwazzjoni reali fil-qasam. F'ħafna każijiet, id-data ma tittellax fis-sistema sakemm il-proġetti jkunu ġew approvati bis-sħiħ mill-kontrolli *ex ante*, li jaffettwaw b'mod negattiv l-immaġni tal-politika u fl-aħħar mill-aħħar jaffettwa l-implimentazzjoni tal-baġit Ewropew.

Xi azzjonijiet biex tittejjeb l-akkuratezza tad-data jistgħu jkunu, pereżempju, li jitqies l-użu ta' kampjunar imtejjeb tad-data, l-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex tiġi analizzata l-akkuratezza tad-data, l-użu ta' teknoloġiji ġodda biex jiġu identifikati l-ineżattezzi tad-data, jiġu analizzati l-kawżi tal-ineżattezzi biex ikunu jistgħu jiġu mbassra l-ineżattezzi fil-futur eċċ. Dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu kkomplementati bir-rapportar f'waqtu tad-data lill-Parlament Ewropew u t-tisħiħ fir-Regolament tas-sjieda u r-responsabbiltà tal-Istati Membri fir-rigward tal-akkuratezza tad-data.

B'riżultat ta' dan, l-awdituri u l-utenti awtorizzati se jaqsmu l-istess informazzjoni preċiża u f'waqtha dwar l-użu u l-effettività tal-Fondi Ewropej f'oqsma differenti.

Mistoqsijiet oħra

19. Tirtira l-kandidatura tiegħek jekk l-opinjoni tal-Parlament dwar il-ħatra tiegħek bħala Membru tal-Qorti ma tkunx favorevoli?

Jekk l-opinjoni tal-Kumitat CONT tal-Parlament ma tkunx favorevoli minħabba li jkun qies li ma nissodisfax b'mod adegwat il-kriterji msemmija fl-Artikoli 285 u 286 tat-TFUE, nitlob lill-Gvern Spanjol jerġa' jqis n-nomina tiegħi għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri.